MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CLAIRE-LOUISE STAFRACE

Seduta tat-3 ta' Mejju, 2010

Numru. 1316/2009

**Il-Pulizija**
**[Spettur Michael Mallia]**

**vs**

**Robert Massa**

**Il-Qorti,**
Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Robert Mssa detentur tal-karta tal-identita` numru 025881(M).

Akkuzat talli fil-perijodu ta' bejn is-26 ta' Gunju u l-1 ta' Lulju 2008:
B'qerq fetah jew gieghel li jigi miftuh xi oggett postali li kellu jigi kkunsinnat, jew b'qerq ghamel xi att li bih il-kunsinna xierqa ta' oggett postali kienet impeduta jew imtawla, jew ikkomunika jew ghamel uzu minn xi taghrif miksub minn oggett postali hekk miftuh u dan ai terimini tal-Artikolu 74 tal-Kapitolu 254 tal-Ligijiet ta' Malta;

Kif ukoll talli fl-istess perijodu u cirkostanzi, bhala ufficjal ta’ operatur postali, agixxa bi ksur tad-dikjarazzjoni bil-gurament li saret skont id-disposizzjoni tal-Artikolu 30 tal-Kapitolu 254 tal-Ligijiet ta’ Malta, liema ksur sar ai termini tal-Artikolu 75 tal-Kaptiolu 254 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Illi dawn il-proceduri kriminali gew instigati mill-Awtorita` tal-Komunikazzjoni permezz ta’ ittra mibghuta lill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex jipprocedu kontra l-imputat talli huwa allegatament kien kiser numru ta’ ligijiet li huma l-Artikolu 74 tal-Kap 254 u l-Art. 30 u 75 tal-istess Kap u fondamentalment talli l-istess Robert Massa kiser il-gurament li kien ghamel meta dahal pustier billi ma kkonsenjax posta fil-hin li kellu jikkonsenjaha.

Illi bhala fatt mhuwiex ikkontestat mill-ebda parti illi Robert Massa ma kienx ikkonsenja l-posta li fuqu nstabet fl-1 ta’ Lulju 2008 u li kellha titqassam xi jiem qabel u cioe` fis-26 u fit-28 ta’ Gunju 2008.

Illi jidher li l-anqas hu kkontestat illi kien hemm xi *mala fede* min-naha tal-imputat meta fil-fatt ma kkonsenjax din il-posta u dan ghaliex il-prosekuzzjoni ma semmiet xejn fuq dan il-punt u l-anqas ressqet l-ebda prova li turi li l-imputat seta’ kellu xi *mala fede* meta ma kkonsenjax il-posta li nstabet fuqu. Illi mill-provi prodotti hareg illi din il-posta ma gietx imqassma ghaliex jew din kien hemm xi ittri li kienu “missorts” jew minhabba xi raguni li ghamlitha difficli lill-imputat li jikkonsenjaha. Dawn kienu jikkonsistu fi tlettax-il (13) ittra li mix-xhieda ta’ Rose Abela li kienet ghamlet l-‘ispot check’ fuq l-imputat, dawn ma kellhom l-ebda rimarka min-naha tal-imputat fuqhom, ghalkemm l-istess imputat qed jikkontesta dan il-fatt, izda gialadarba din ix-xhieda ma giet bl-ebda mod ikkontradetta mill-ebda xhud iehor, mela din il-Qorti qeghda tiehu din il-verzjoni bhala wahda veritjiera.

Rose Abela iccertifikat illi dawn l-ittri kellhom jigu mqassma fit-28 tax-xahar u minflok tqassmu fil-gurnata tax-xoghol ta’ wara, dan ma sarx ghaliex sal-1 ta’ Lulju dawn kienu ghadhom fil-pussess tal-istess Robert Massa.

Hija spjegat ukoll illi jekk xi posta ma titqassamx f'dik il-gurnata, il-pustier in kwistjoni ghandu jinforma lis-superjuri tieghu dik il-gurnata stess. Illi dan kollu ma sarx mill-imputat Robert Massa.

Illi il-procedura tat-tqassim tal-posta sa gurnata tax-xoghol wara, jifforma parti minn gurament li kull pustier, inkluz Robert Massa, ghamel meta beda xoghol. Illi dan il-gurament jinstab a fol 17 tal-process liema gurament juri li kien debitament mahluf u ffirmat minn Robert Massa quddiem nutar pubbliku.

Dwar il-procedura tat-tqassim, din giet ikkonfermata mic-CEO tal-Maltapost u cioe` Joseph Gafa' li xehed illi l-Artikoli tal-ligi fejn tirrigwardja l-posta ghamdhom jigu applikati u interpretati mal-iStandard Operating Procedures li gew ipprezentati u jinstabu a fol 68 tal-process u li l-istess Robert Massa kien iffirmhom meta dahal bhala pustier. Illi dawn il-Procedures juru b'mod car illi bl-ebda mod pustier m'ghandu jew izomm xi posta ghalih anke jekk temporanjament, jew idum ma jikkonsenja tali posta u li l-konsegwenzi li dan il-komportament igib mieghu huwa kontenut fir-regola 3.11 li tinkludi passi dixxiplinari kontra l-pustier koncernat flimkien ma passi kriminali kif sar f'dan il-kaz.

Illi importanti wkoll huwa l-iStandard Operating Procedure – DEI 100 li jinstab a fol. 96 tal-process, li dan id-dokument kien ukoll iffirmat mill-istess imputat, u li jindika b'mod car illi meta jkun hemm posta li minhabba xi raguni bhal per ezempju ma jkunx hemm 'letterbox' fuq il-post, il-pustier ghandu jitfa' din il-posta go envelop issigillat, jinnota il-'Beat Number' u jimpustaha f'"letterbox" l-aktar vicina, u dan immedjatament.

Illi johrog car ghalhekk illi l-imputat kiser dawn ir-regoli kolha ghaliex indipendentement mill-motiv ghaliex din il-posta ma gietx ikkonsenjata, din fil-fatt instabet fuqu numru ta' granet wara li suppost giet ikkonsenjata.

Illi din il-Qorti sejra biex tezamina l-Artikoli tal-Ligi li tahthom l-imputat gie akkuzat u cioe` l-Art. 74 u 75 tal-Kap

254 dwar is-Servizzi Postali. Illi l-Art 74 subinciz (1) jghid hekk:
***“Kull persuna b’qerq tiftah jew iggieghel li jigi miftuh xi oggett postal li kellu jigi ikkunsinnat, jew b’qerq taghmel xi att li bih il-kunsinna xierqa ta’ oggett postal tkun impeduta jew imtawla, jew tikkonumika jew taghmel uzu minn xi taghrif miksub minn oggett postal hekk miftuh, tehel, meta tinsab hatja, prigunerija ghal zmien ta’ mhux izjed minn sena jew multa”.***

Illi johrog car illi ghalkemm l-element materjali ta’ dan ir-reat gie ppruvat mill-prosekuzzjoni, l-element mentali u fundamentali ta’ dan ir-reat u cioe` dak li jrid ikun hemm qerq, ma giex. Dan ghaliex biex ikun hemm qerq irid ikun hemm xi grad ta’ ingann, frodi jew l-imbroll. Id-definizzjoni ta’ qerq tohrog minn sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza bl-ismijiet *Pulizija v. George Manicolo* (31.07.1998 per Imh. P.Vella) li qalet hekk:

***“. . . atti frawdolenti li necessarjament iqajmu sentimenti kif indikati fl-Artikolu 308 tal-Kodici Kriminali. Minbarra l-gideb irid ikun hemm l-ingann, ir-raggiri jew is-simulazzjoni li jwasslu sabiex il-vittma jemmen jew ikollu fidi f’dak li qed jigi lilu mwieghed mill-frodatur. Dan l-ingann, ghalhekk, ghandu jkun akkumpanjat b’artifizji kwazi teatrali, u mhux semplicement weghdiet, promessi u kliem semplici . . .”.***

Illi jidher ghalhekk illi dan l-element ta’ qerq ma kienx prezenti meta l-imputat naqas li jikkonsenja il-posta kkoncernata ghaliex ghalkemm huwa fatt li ma kkonsenjahiex, il-motiv ghaliex ma gietx ikkonsenjata jidher li kien merament diffikulta` min-naha tieghu li jikkunsennja u l-ebda motiv iehor.

Illi a rigward l-Artikolu 75 tal-Att dwar is-Servizzi Postali, dan huwa l-Artikolu li jitkellem fuq il-gurament tal-pustiera u x’jigri meta dan jinkiser, li dan fil-fatt huwa ikkunsidrat minn dan l-Att bhala reat kriminali. Illi din il-Qorti thoss illi wara li rat il-provi kollha, senjatament ix-xhieda ta’ Rose

Abela u ta’ Joseph Gafa’ u d-dokumenti pprezentati minnu u diga` indikati aktar ‘il fuq minn din il-Qorti jidher illi l-imputat kiser dan il-gurament meta naqas li jikkonsenja din il-posta. Illi hawnhekk dan l-Artikolu ma jitkellimx fuq il-motiv doluz izda fuq il-fatt innifsu u ghalhekk din il-Qorti m’ghandhiex taghmel analizi x’wassal lill-imputat biex jikser dan l-Artikolu u konsegwentement il-gurament li hu kien jaf ben tajjeb x’jghid u f’hiex kien jikkonsisti.

Illi ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-akkuzi kif migjuba kontra l-imputat, wara li hadet konjizzjoni tad-dokumenti pprezentati u x-xhieda migjuba quddiemha, wara li rat l-Artikoli tal-Ligi u cioe’ l-Artikoli 74 u 75 tal-Kap 254 tal-Ligijiet ta’ Malta, ma ssibx lill-imputat hati tal-ewwel akkuza stante li ma gietx ippruvata u tilliberah minnha, izda ssibu hati tat-tieni akkuza u tikkundannah ghoxrin (20) jum prigunerija li bl-applikazzjoni tal-Art. 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta dan il-perjodu qed jigi sospiz ghal zmien sena millum.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------